MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2014

Numru 325/2013

Il-Pulizija

(Spettur Saviour Baldacchino)

vs

Derrin (Edward) Fenech

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' numru 144473m, akkuzat talli:

1. bejn il-gurnata tat-3 ta' Settembru 2012, bejn il-hamsa w nofs ta' filghaxija tal-istess gurnata u l-hamsa w nofs ta' filghodu tal-gurnata tal-ghada 4 ta' Settembru 2012 minn go residenza numru 80 Triq San Girgor, Zejtun, flimkien ma persuni ohra kkommetta serq ta' gradenza antika, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok, bil-mezz u bil-valur liema valur huwa izjed minn elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin

centezmu (€ 2, 329.37), ghad-detriment tas-Sinjuri Alfredo Vella, Catania Enriquez u/jew ta' persuna/I u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi rendejt ruhek recidiv skond sentenzi moghtija lilek, liema sentenzi huma definittivi u ma jistax jigu mibdula u dan bi ksur tal-Art. 49, 50 tal-Kap 9;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghuu ai termini tal-Artikoli tal-lig minnu citati baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghat lill-imputat jghid li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn dina l-Qorti sommarjament;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Is-serq li l-imputat qieghed jigi akkuzat bih hu ta' gradenza antika minn gewwa l-fond numru 80 Triq San Girgor, iz-Zejtun. Fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija irrusulta li s-serqa kienet giet maghmula minn tlieta minn nies fosthom l-imputat. Dan jirrisulta mill-provi u jirrisulta wkoll li l-gradenza kienet giet irkuprata u moghtija lura lis-sidien taghha.

L-imputat fl-udjenza tal-14 ta' Lulju ta' dina s-sena ammetta l-akkuza u mistoqsi jekk joggezzjonax li talvolta jaghmel xoghol fil-komunita' bhala parti mill-piena irrisponda li m'ghandux oggezzjoni.

Fuq ammissjoni volontarja w inkondizzjonata tal-imputat u l-provi mismugha l-Qorti qeghda ssib l-imputat hati.

Rat l-Artikolu 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278(3), 279(b), 280(2), 281, 49 u 50 tal-Kap 9.

Tadotta r-rikomandazzjoni tal-ufficjal tal-probation nominat.

Rat l-Artikolu 11 u 18 tal Kap 446 u billi hi tal-fehma li ma taghtix lill-imputat piena ta' prigunerija tordna minflokk li tqieghed mill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien sentejn mill-lum u ta' servizz ghal hin ta' erbghejn siegha.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------